**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru : 17/2021 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**EV**

**U**

**CC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 15 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fl-10 ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-parrocca Maria Regina l-Marsa (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem TV;*

*Illi l-partijiet ilhom sseparati de facto mill-5 ta Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016);*

*Illi sussegwentament huma iffirmaw kuntratt ta separazzjoni bejniethom fl-erbgha ta Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ippubblikat min-Nutar Dr. Ann Fenech Adami fil-21 ta' (Dok B anness);*

*Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba*

*illi ilhom snin twal mifrudin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi r-rikorrenti m'ghandu l-ebda pretensjoni b'mod assolut kontra l-intimata skont il-kuntratt ta'separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;*

*Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifisha (Dok C);*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha datat 2 ta' Gunju 2021, li permezz tieghu il-Qorti ordnat sabiex ir-rikors promotur, jsir wiehed kongunt (Vide fol 17);

Rat illi EV iddikjara li ser jhallas il-proceduri kollha, inklus dawk ta' CC;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EV** xehed (vide affidavit fol 2) illi l-partijiet izzewgu nhat l-10 ta' Mejju 2014, u li min dan iz-zwieg kellhom tifla, li ghadha minorenni. Sostna li ilhom sseparati de facto mis-sena 2016, waqt li ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar l-4 ta' Settembru 2017 fl-atti tan-Nutar Dr. Ann Fenech Adami. Iddikjara illi ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni. Xehed illi ma hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

CC xehdet viva voce a fol 18 et seq. u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn***

***hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Mejju 2014, liema zwieg jgib c-certifikat numru 870/2014 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom tifla, ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-4 ta' Settembru 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Ann Fenech Adami (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) Di piu' il-partijiet kienu separate de facto sa minn 2016. Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Lanqas ma jirrizulta li hemm xi arretrati ta' manteniment dovut.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2021, EV ddikjara li kien ippreparat li jhallas l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk ta' CC.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 870/2014 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes ikunu a karigu ta' EV.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**